MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 597/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**vs**

**1. Grazia Auto Care Company Limited (C18549)**
**2. Anthony u Carmen mizzewgin Vella**
**(I.D. nri. 212146(M) u 426448(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fid-9 ta' Gunju, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia datati fil-5 ta' Novembru 1998 (Dok. A u B), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Grazia Auto Care Company Limited;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Grazia Auto Care Company Limited fis-somma ta' hames mija u sebgha u

tmenin elf, mija u disgha u disghin Ewro u hamsa u tletin Ewro centezmi (€587,199.35) ekwivalenti ghall-mitejn u tnejn u hamsin elf, erbgha u tmenin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmi (Lm252,084.68) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" tas-socjeta’ Grazia Auto Care Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1 sa C4”, u Dok “D1 sa D32”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 ta’ Novembru 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta’ skrittura privata u cioe’ dik datata 28 ta’ Lulju 1998 (Dok "E"), il-konvenuti Anthony u Carmen mizzewgin Vella iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Grazia Auto Care Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c.;

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument “A u B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ Grazia Auto Care Limited;
(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta’ Grazia Auto Care Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 3 ta’ Dicembru 2007 numru 4639/07 u 4640/07 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok "F" u “G”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

6. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

Talab ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarzzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :
1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn

esebiti bhala Dokument “A u B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ Grazia Auto Care Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Grazia Auto Care Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ Grazia Auto Care Limited u lil Anthony u Carmen mizzewgin Vella flimkien u “in solidum” jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin elf, mija u disgha u disghin Ewro u hamsa u tletin Ewro centezmi (€587,199.35) ekwivalenti ghall-mitejn u tnejn u hamsin elf, erbgha u tmenin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmi (Lm252,084.68) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" tas-socjeta’ Grazia Auto Care Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1 sa C4”, u Dok “D1 sa D32”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 ta’ Novembru 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tal-Bank attur;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b’hekk baqghu kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti flimkien “in solidum” ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin elf, mija u disgha u disghin Ewro u hamsa u tletin Ewro

centezmi (€587,199.35) ekwivalenti ghall-mitejn u tnejn u hamsin elf, erbgha u tmenin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmi (Lm252,084.68) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" tas-socjeta' Grazia Auto Care Limited mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 ta' Novembru 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez kontra il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------